A.L. 87 ta' l-1994

ATT TA' L-1991 BIEX IĦARES L-AMBJENT (ATT NRU. V TA' L-1991)

Regoli ta' l-1994 dwar Proċeduri quddiem l-Awtorità ta' Verifika

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 45 ta' l-Att ta' l-1991 biex Iħares l-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent għamel dawn ir-regoli li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu r-Regoli ta' l-1994 dwar Proċeduri quddiem l-Awtorità ta' Verifika, u għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fil-15 ta' Lulju, 1994.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regoli kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma jkollhiex tifsira oħra:—

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-1991 biex Iħares l-Ambjent;

"avviż ta' kontestazzjoni" għandha l-istess tifsira mogħtija lil dik l-espressjoni fil-paragrafu (2) tar-regola 3 ta' dawn ir-regolamenti;

"Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Verifika maħtura skond l-artikolu 44 ta' l-Att;

"kontestant" tfisser min jagħmel avviż ta' kontestazzjoni;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent u, fil-każ ta' avviżi ta' kontestazzjoni magħmula skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 29 ta' l-Att, tifsser ukoll il-Ministru responsabbli għall-portijiet u affarijiet marittimi b'dan illi jekk il-ministru responsabbli għall-portijiet u affarijiet marittimi ma jkunx eżerċita l-poteri lilu mogħtija skond ir-Raba' Parti ta' l-Att u dawk il-poteri jkunu ġew eżerċitati mill-Ministru responsabbli għall-ambjent, l-espressjoni għandha tfisser il-Minsitru responsabbli għall-ambjent.

Dmirijiet tal-President ta' l-Awtorità.

3. (1) Wara li jirċievi l-avviż ta' kontestazzjoni mingħand il-Ministru, il-President ta' l-Awtorità jagħżel erba' assessuri biex jisimgħu dak l-avviż u sabiex jappuntah għas-smiegħ.

(2) Il-President għandu jagħżel dawk l-assessuri li fil-fehma tiegħu jkunu kompetenti għal dak il-każ.

(3) Wara li l-President jagħżel l-assessuri, għandu javżhom bil-ħatra tagħhom kif ukoll bil-jum, data, post u ħin ta' l-ewwel seduta ta' l-Awtorità. Il-President għandu wkoll jibgħatilhom kopja ta' l-avviż ta' kontestazzjoni.

(4) Il-President għandu wkoll jinforma lill-kontestant u 'l Ministru bil-jum, data u post u ħin ta' l-ewwel seduta ta' l-Awtorità. Huma għandhom jiġu hekk informati mhux aktar tard minn erbatax-il jum qabel is-seduta.

Smiegħ ta' l-avviż ta' kontestazzjoni.

4. Il-kontestant jista' jidher quddiem l-Awtorità jew personalment jew permezz ta' aġent fil-ġurnata, post u ħin iffissat għas-smiegħ, jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu u jġib dawk il-provi li l-Awtorità tista' tippermetti:

Iżda l-Awtorità tista' tipposponi s-smiegħ ta' l-avviż jekk tkun sodisfatta li l-kontestant ma setax jidher quddiemha minħabba mard jew għax kien barra minn Malta jew għal raġuni oħra simili.

Ġustifikazzjoni tal-Ministru.

5. L-Awtorità għandha tagħti l-opportunità lill-Ministru, jew persuna oħra li tiġi għalhekk nominata mill-Ministru, biex jagħmel dawk is-sottomissjonijiet tiegħu biex jiġġustifika l-pożizzjoni tiegħu u sabiex iġib dawk il-provi li l-Awtorità jidhirlha meħtieġa.

Taħrik ta' xhieda.

6. (1) L-Awtorità jkollha s-setgħa li tħarrek xhieda u li tagħti l-ġurament lil kull min jidher quddiemha.

(2) Il-ġurament għandu jiġi amministrat mill-President ta' l-Awtorità.

Kif jitmexxew is-seduti.

7. Il-proċedura li l-Awtorità għandha tuża hija kif ġej:

(1) (a) il-kontestant jibda biex jispjega r-raġunijiet li abbażi tagħhom huwa qed jikkontesta xi regolamenti;

(b) il-Ministru jista' jispjega r-raġunijiet li wassluh sabiex jagħmel ir-regolamenti li qed jiġu ikkontestati.

(2) Il-partijiet għandhom id-dritt, bil-permess tal-President, li jtellgħu xhieda.

(3) Il-President u l-assessuri għandhom id-dritt li jagħmlu dawk id-domandi u jitolbu dik l-informazzjoni li jidhrilhom xierqa mingħand il-partijiet.

(4) Wara li l-Awtorità tkun semgħet il-partijiet u tkun sodisfatta li ma hemmx bżonn li ssir ebda seduta oħra ħalli jingħiebu aktar provi quddiemha, jew sabiex isiru s-sottomissjonijiet tal-partijiet, l-Awtorità għandha tiddelibera fuq il-mertu ta' l-avviż u tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni tagħha.

Proċeduri bil-magħluq.

8. Il-President jista' jordna li l-proċeduri waqt is-seduti jinstemgħu bil-magħluq biex jassigura il-bon ordni waqt is-smiegħ:

Iżda d-deċiżjonijiet kollha ta' l-Awtorità għandhom jingħataw fil-pubbliku waqt seduta ta' l-Awtorità.

9. (1) Fit-tehid ta' deċiżjoni, il-President ta' l-Awtorità ma jkollux vot oriġinali iżda jkollu biss vot deċiżiv fil-każ ta' voti ndaqs ta' l-assessuri. Deċiżjonijiet ta' l-Awtorità.

(2) Il-President għandu javża lill-Ministru u lill-kontestant bil-jum, ħin u post ta' meta tkun se tinqara d-deċiżjoni.

(3) Il-partijiet għandhom jingħataw kopja ta' kull deċiżjoni li tolqothom.